MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 189/2016 LM

**Emily Bryant (Passaport nru. 881721)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Schembri Concrete Blocks Limited u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2017, il-Qorti awtorizzat li tiġi kjamata in kawża s-soċjetà 'Schembri Barbros Ltd' (C 3905)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà kjamata fil-kawża **Schembri Barbros Limited (C 3905)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà kjamata fil-kawża'] minn digriet tat-30 ta' Marzu, 2017, [minn issa 'l quddiem 'id-digriet'] fejn hija ġiet imsejħa fil-proċeduri odjerni, u mis-sentenza tal-15 ta' Marzu, 2023, [minn

issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’] tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem ‘l-ewwel Qorti’], permezz ta’ liema sentenza l-ewwel Qorti lliberat lis-soċjetà intimata **Schembri Concrete Blocks Limited (C 14123)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà intimata’] mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà kjamata fil-kawża, u laqgħet it-talba tar-rikorrenti **Emily Bryant (Passaport nru. 881721)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’], billi kkundannat lis-soċjetà kjamata fil-kawża sabiex tħallas lill-istess appellata s-somma ta’ ħamest elef Euro (€5,000), bl-imgħax u bl-ispejjeż ta’ dik il-proċedura.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas tal-valur ta’ diversi oġġetti li l-appellata qiegħdet f’garaxx li kien jagħmel parti minn kumpless ta’ garaxxijiet ġewwa Triq Atocia, il-Ħamrun, mikri mingħand is-soċjetà kjamata fil-kawża, u li allegatament tneħħew mingħajr il-permess tagħha, u mingħajr il-proċedura legali neċessarji, billi nġarrew u tqiegħdu f’garaxx ieħor ġewwa ż-Żejtun.

## Mertu

3. L-appellata istitwiet dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta’ Avviż fil-5 ta’ Awwissu, 2016, fejn ħarrket lis-soċjetà intimata sabiex tgħid għaliex m’għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti li:

> *“1) Inti debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta’ sebgħat elef, tmien mija u ħamsa u sittin Ewro (€7,865) li huwa rappreżentanti l-oġġetti li kienu maħżuna fil-garaxx formanti*

*mill-kumpless ta' garaxxijiet ġewwa Triq Atrocia* [recte: Atocia] *il-Ħamrun u li inti iddisponejt minnhom mingħajr permess u mingħajr ma segwejt il-proċedura ffissata fil-liġi.*

*2) Għandek tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' sebgħat elef, tmien mija u ħamsa u sittin Ewro (€7,865)*

*Bl-ispejjeż kontra tiegħek minn issa nġunt in subizzjoni."*

4. Is-soċjetà intimata eċċepiet is-segwenti:

*"Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dana għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi huwa l-Bord tal-Kera li għandu ġurisdizzjoni esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kirjiet ta' fondi urbani;*
*2. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti mhijiex il-leġittimu kuntradittur stante li ma għandha l-ebda konnessjoni mal-fond in kwistjoni u lanqas mar-rikorrenti;*
*3. Illi fil-mertu is-soċjetà esponenti ma ddisponiet mill-ebda oġġetti tal-attriċi;*
*4. Illi s-soċjetà esponenti mhijiex debitriċi tar-rikorrenti għal ebda ammont;*
*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha."*

5. Wara li fit-30 ta' Marzu, 2017 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-appellata sabiex tiġi msejħa fil-kawża s-soċjeta kjamata fil-kawża, din tal-aħħar ippreżentat it-tweġiba tagħha fit-18 ta' April, 2017 fejn eċċepiet is-segwenti:

*"Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dana għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi huwa l-Bord tal-Kera li għandu ġurisdizzjoni esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kirjiet ta' fondi urbani;*
*2. Illi fil-mertu is-soċjetà esponenti ma ddisponiet mill-ebda oġġetti tal-attriċi;*
*3. Illi s-soċjetà esponenti mhijiex debitriċi tar-rikorrenti għal ebda ammont;*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha."*

## Is-Sentenza Appellata

6. L-ewwel Qorti tat sentenza preliminari fil-31 ta' Ottubru, 2017, fejn iddikjarat li hija kellha kompetenza *ratione materiae* sabiex tisma' u tiddeċiedi l-proċeduri odjerni, u b'hekk ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Hija waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkunsidrat:***

*Illi din hija kawża sabiex il-konvenuti iħallsu s-somma ta' sebat elef, tmien mija u ħamsa u sittin ewro (€7,865) li huwa l-valur tal-oġġetti li l-attriċi kienet ħalliet fil-garage mikri lilha mis-soċjetà konvenuta kjamata fil-kawża. Mill-provi prodotti jirriżulta mingħajr kontestazzjoni li l-attriċi kienet kriet* garage *sabiex fih tpoġġi xi oġġetti ta' għamara u affarijiet oħra fih. Illi però hija kienet moruża fil-ħlas tal-kera tant li meta ġiet lura Malta marret biex tara l-oġġetti li kienet ħalliet fi-*garage *u tħallas dak li huwa dovut. Illi fil-fatt kien hawn li nqala' kollox għaliex l-oġġetti kienu tneħħew minn ġewwa dan il-*garage *u tpoġġew f'ieħor. Illi għalkemm l-attriċi ppreżentat lista tal-oġġetti li skont hi kienu tpoġġew f'dan il-*garage*, mill-fatti tal-każ ħarġu aspetti oħra. Illi Joseph Schembri ikkonferma li fil-fatt kien neħħa l-oġġetti u anki rema' xi affarijiet li għalih kienu imbarazz. Illi l-attriċi kkonfermat li kienet qabdet lil ċertu Redeemer biex jieħu l-oġġetti tagħha ġewwa dan il-*garage *iżda din il-persuna qatt ma tressaq bħala xhud sabiex jikkonferma l-oġġetti li huwa poġġa f'dan il-*garage *skont il-lista li kien hemm. Illi l-istess attriċi wkoll semmiet li kienet ħalliet iċ-ċwievet lil kuġin tagħha iżda wkoll dan ma tressaq qatt sabiex jixhed dwar x'suppost kien ra ladarba huwa kellu aċċess għal dan il-*garage*.*

***Ikkunsidrat***

*Illi l-attriċi allegat li hija kellha diversi oġġetti ġewwa* garage *u dan għal valur fl-ammont indikat fit-talba tagħha. Illi l-istess attriċi ma ġabet ebda prova ta' dawn l-oġġetti ħlief valur approsimmattiv li hija sabet u ħasbet. Illi wkoll jingħad li żewġ xhieda li setgħu taw indikazzjoni tal-fatti qatt ma tresqu sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom. Illi f'dan il-każ hija semmiet lil wieħed Redeemer li kienet il-persuna li ġarr*

*l-istess oġġetti għal ġewwa l-*garage*. Illi din il-persuna kienet l-unika xhud li kien jaf xi tpoġġa fil-*garage *fejn skont l-istess attriċi għamel tlett vjaġġi. Min-naħa l-oħra hija qalet li kienet tat iċ-ċavetta tal-*garage *lil kuġin tagħha iżda dan ukoll qatt ma tressaq sabiex jikkonferma l-kontenut tal-oġġetti li kien hemm ġewwa dan il-*garage*. Illi l-istess konvenuti esebew ukoll ritratti tal-oġġetti kif kienu jinsabu ġewwa l-*garage *meta infetaħ minnhom. Illi min-naħa l-oħra ġie konfermat li oġġetti li kienu jappartjenu lill-istess attriċi kienu qegħdin ġewwa* garage*. Illi anki hawn l-istess attriċi naqset milli terġa' tieħu lura l-istess oġġetti u tagħmel inventarju tagħhom. Illi dan ix-xogħol mhux kompetenza tal-Qorti li tassumi x'seta' kienu dawn l-oġġetti miżmuma fil-*garage *wara li ħaduhom min fejn kienu. Illi l-Qorti timxi mal-prinċipju li fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.*

*Illi in oltre, kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et*** *deċiża nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'April, 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-*

> **"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."**

*Għal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja (***Borg vs Bartolo*** – Appell Inferjuri – 25 ta' Ġunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet (***Caruana vs Laurenti*** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 8 t'April, 1994;* ***Borg vs Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib*** *– Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju, 1981;* ***Vassallo vs Pace*** *- Vol.LXX.II.144 u* ***Zammit vs Petrococchino*** *– Appell Kummerċjali – 25 ta' Frar, 1952).*

*Kif inghad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w għoxrin (28) t'April, 2004, fl-ismijiet* ***Emanuel Ciantar vs David Curmi noe****:-*

> **"Fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza ċivili, d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika.**

> **Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi, għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo**.

*Fil-kamp ċivili, għal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilhu imma jekk dawn il-fatti humiex tali li huma verosimili għal dak li ġara. Illi għalhekk dan il-prinċipju tal-bilanċ tal-probabilitajiet marbuta mal-fatti huma l-bażi tal-azzjoni azzjoni ċivili. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli. Illi però f'dan il-każ l-oġġetti in kwistjoni kienu ġew merfugħa f'*garage *minn persuna li għamlet tlett vjaġġi skont ma qalet l-istess attriċi, u wara dan għal xhur sħaħ ħadd ma kkonferma x'kien hemm fih. Lanqas il-kuġin tagħha li kellu ċavetta tal-post ma tela' jixhed biex almenu jikkonferma l-oġġetti li seta' kien hemm. Illi wkoll ġara li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, oġġetti li kienu jinstabu fil-*garage *tpoġġew mill-konvenuti f'*garage *ieħor u anki hawn l-istess attriċi naqset milli telenka u tgħid x'sabet eżatt. Illi jkun nuqqas jekk il-Qorti jkollha tikkompensa telf ta' oġġetti meta lanqas l-istess attriċi ma ndenjat ruħha li telenka u tgħid eżatt x'sabet fih. Illi għalkemm tela' jixhed Michael Mercieca ma ta ebda indikazzjoni x'seta' kien hemm oriġinalment u x'instab wara fil-*garage*. Illi tali nuqqas ma tistax tassumi l-Qorti li kienu jeżistu. Illi min-naħa l-oħra Joseph Schembri ammetta li kien rema xi affarijiet minn ġewwa dan il-*garage *li skont hu kienu imbarazz. Kompla jgħid li disgħin fil-mija tal-oġġetti tpoġġew fil-*garage *tagħhom u l-bqija ġew mormija għax kienu* 'rubbish'*. Illi żgur f'dan il-każ il-Qorti ma tarax x'kienet ir-raġuni li jiġu mormija l-oġġetti in kwistjoni meta fuq kollox skont hu kienu imkissrin u ma kienux tagħhom.*

*Din il-qorti xorta temmen, minkejja il-provi kif ġew imressqa tal-partijiet, li xi ħlasijiet huma dovuti. Illi kif ġie spjegat hawn fuq f'sitwazzjoni bħal din jiġi adoperat il-prinċipju tal-*arbitrio boni viri*, imnissel mill-konsiderazzjoni ta' ġustizzja ekwitattiva minħabba d-disorganizzazzjoni fil-kwalità ta' provi imressqa in sostenn tal-pretensjoni meta jkun jidher li xi xorta ta'* raġun *ikun tassew jeżisti. Għalhekk f'dan il-każ, il-qorti ser taddotta invece r-regola tal-*arbitrio boni viri *fejn l-ammont jiġi stabbilit* ex æquo et bono *mill-ġudikant. Illi minkejja dan, ħareġ li kien hemm madwar disgħin fil-mija tal-oġġetti li ħalliet l-attriċi li hekk kif intqal minn Joseph Schembri. Illi dan il-fatt ma ġiex kontestat mill-istess attriċi meta kellha kull opportunità li tara liema oġġetti instabu fil-*garage.

*Illi mill-provi ħareġ ukoll li kienet is-soċjetà kjamata fil-kawża li kienet kriet l-istess* garage *u mhux is-soċjetà l-oħra Schembri Concrete Blocks Ltd."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà kjamata fil-kawża ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-4 ta' April, 2023, fejn filwaqt li ddikjarat li hija kienet qiegħda tappella mid-digriet tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Marzu, 2017, u anki mis-sentenza appellata, talbet sabiex din il-Qorti jogħġobha:

> *"(a) tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti tat-30 ta' Marzu 2017, u tiċħad it-talba għall-kjamat in kawża tas-soċjetà esponenti; u, sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, (b) tvarja s-sentenza appellata billi (i) tikkonfermaha in kwantu lliberat lis-soċjetà Schembri Concrete Blocks Ltd mill-osservanza tal-ġudizzju, u (ii) tħassarha u tirrevokaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà esponenti Schembri Barbros Limited u laqgħet it-talbet tal-attriċi, u tgħaddi sabiex tiċħad t-talbiet tal-attriċi appellata kif dedotti fir-rikors tagħha, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti, (iii) sussidjarjament u assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost tvarja s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti għal waħda ferm inqas baxxa u iżjed ġusta.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-istanzi kollha kontra l-attriċi appellata."*

Tgħid li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta permezz tad-digriet tagħha tat-30 ta' Marzu, 2017, hija laqgħet it-talba tal-appellata sabiex tissejjaħ fil-kawża. Dwar is-sentenza appellata, tissottometti li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) l-appellata ma kienx irnexxielha tressaq prova tal-każ tagħha; u (b) l-ammont illikwidat *arbitrio boni viri* mill-ewwel Qorti huwa eżaġerat u ma jirriżultax f'ġustizzja ekwitattiva.

8. L-appellata wieġbet fit-12 ta' Lulju, 2023 fejn sostniet li s-sentenza appellata hija waħda ġusta, u għaldaqstant kien jistħoqq li tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà kjamata fil-kawża fir-rigward tad-digriet appellat u tas-sentenza appellata, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, filwaqt li tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellata fit-tweġiba tagħha.

10. Għal dak li jirrigwarda d-digriet appellat, is-soċjetà kjamata fil-kawża tikkontendi li kien ċar mill-bidunett li r-relazzjoni tal-appellata kienet magħha u mhux mas-soċjeta Schembri Concrete Blocks Limited. Tgħid li għalhekk permezz tat-talba tagħha, l-appellata ttentat tissostitwixxi l-konvenuti, u b'hekk tissana l-kawża tagħha, xi ħaġa li ma kinitx permessa skont il-ġurisprudenza. Hija hawnhekk tagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati in sostenn tal-argument tagħha.

11. Min-naħa tagħha l-appellata tispjega kif mix-xhieda kien ħareġ ċar li n-negozjati sabiex hija tikri l-garaxx kienu saru waqt laqgħa fl-uffiċċju tal-persuni li hija kienet kellmet, u hija kienet ħasbet li l-istess garaxx kien proprjetà tas-soċjetà Schembri Concrete Blocks Ltd. Iżda mbagħad waqt il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, irriżulta li l-garaxx huwa proprjetà ta' kumpannija oħra tal-istess diretturi tas-soċjetà intimata, u b'hekk hija talbet sabiex din tiġi msejħa fil-kawża. L-appellata tikkontendi li hija skorretta s-soċjetà kjamata fil-kawża meta tinsisti li l-appellata kienet taf jew setgħet tkun taf mill-ewwel li r-relazzjoni lokatizja kienet mas-soċjetà imsejħa fil-kawża. Tispjega li l-uffiċċju fejn hija kienet marret sabiex tiddiskuti l-kirja kien l-istess għaż-żewġ kumpaniji, u ma kinitx taf taħt liema kumpanija kien qed jaġixxi l-impjegat li hija kellmet. Tgħid li d-direttur tal-kumpaniji xehed li ma jkunx involut direttament hu. L-appellata

tkompli tispjega li ż-żewġ kumpanniji huma ġestiti mill-istess diretturi, u anki joperaw mill-istess uffiċċju. Barra minn hekk, ir-relazzjoni lokatizja saret b'mod informali fejn il-karta li saret mal-inkwilin, qatt ma ġiet esebita mis-soċjetà kjamata fil-kawża. Tgħid li meta ġew istitwiti l-proċeduri odjerni, hija ma kellhiex a dispożizzjoni tagħha din l-informazzjoni, u għalhekk ma kinitx korretta is-soċjetà kjamata fil-kawża meta tinsisti li l-proċedura kienet monka u ġiet salvata permezz tal-proċedura tal-imsejħa fil-kawża.

12. Il-Qorti tgħid li kuntrarjament għal dak li qiegħda ssostni s-soċjetà kjamata fil-kawża, il-provi ma jurux b'mod inekwivoku li kellu jkun ċar lill-appellata sa mill-bidunett qabel ma ntavolat il-proċeduri odjerni, li r-relazzjoni lokatizja kienet bejnha bħala inkwilina u s-soċjetà kjamata fil-kawża bħala sid. Il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda prova konkluživa sabiex issaħħaħ ix-xhieda tad-direttur tagħha Carmelo Schembri[1], tant li l-aggravju tagħha jistrieħ biss fuq il-ġurisprudenza, u mhux fuq dak li rriżulta waqt il-proċeduri. Iżżid tgħid li lanqas ma jista' jingħad li s-soċjetà intimata hija kompletament estranea għall-proċeduri odjerni, u dan għaliex kif jirriżulta mid-dettalji kollha taż-żewġ kumpanniji, jiġifieri s-soċjetà intimata u s-soċjetà kjamata fil-kawża, id-diretturi huma l-istess, kif inhu wkoll l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat u l-uniku azzjonist tagħhom. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju ġustifikat u tiċħdu.

13. Is-soċjetà kjamata fil-kawża tispjega li l-aggravju tagħha fir-rigward tas-sentenza appellata, huwa li kif saħansitra aċċettat l-ewwel Qorti, l-appellata ma ppruvatx il-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, fejn hija kellha turi li tassew kien hemm l-oġġetti elenkati minnha fil-garaxx, li dawn kellhom il-valur iddikjarat fl-

[1] *A fol.* 16 *et seq.*

*affidavit* tagħha, u li kienet is-soċjetà kjamata fil-kawża li ċaħħditha minnhom u kkawżatilha d-danni fil-valur indikat. Tirrileva li waqt il-kontro-eżami tal-appellata tal-14 ta' Frar, 2017, hija kienet ammettiet li ma kienet għamlet l-ebda inventarju tal-affarijiet li poġġiet fil-garaxx, u għalhekk l-oġġetti elenkati kienu biss mill-memorja tagħha. Għal dak li jirrigwarda l-ammont ta' €7,865 pretiż mill-appellata, tgħid li ma kien hemm l-ebda prova tiegħu, fejn l-appellata kienet saħansitra attribwiet valuri kunfliġġenti lill-oġġetti li kienet poġġiet fil-garaxx. Tgħid li llum l-oġġetti jinsabu intatti f'garaxx tagħha, u dan minkejja li hija mhijiex qiegħda tirċievi kumpens mingħand l-appellata. Hawnhekk is-soċjetà kjamata fil-kawża tagħmel riferiment għall-kontro-eżami tal-appellata tal-14 ta' Frar, 2017, fejn tiċċita wkoll parti minnu, u tisħaq li din kellha tressaq l-aħjar prova tal-oġġetti li kienet poġġiet fil-garaxx, possibbilment ukoll permezz ta' rċevuti jew valutazzjonijiet. Tirrileva li fir-rapport li l-appellata kienet għamlet mal-Pulizija, il-valur tal-imsemmija oġġetti kien ferm inqas minn dak pretiż fil-proċeduri odjerni. Tirrileva wkoll li l-appellata qatt ma kienet ressqet lejn il-garaxx matul il-kirja. Meta mbagħad ir-rappreżentant tagħha kien sab il-garaxx żgassat, huwa kien ġarr l-oġġetti għal garaxx ieħor bil-għan li jkunu sikuri u anki fl-istess ħin jiġu minimizzati d-danni bin-nuqqas ta' ħlas ta' kera min-naħa tal-appellata. Is-soċjetà kjamata fil-kawża tgħid li l-oġġetti tal-appellata għadhom sallum f'dan il-garaxx ġewwa ż-Żejtun, u dan minkejja li hija kienet ġiet interpellata sabiex tneħħihom. Tispjega li kienu biss l-oġġetti miksurin, mimlija wirdien u ġrieden li kienu ntremew skont kif qal Joseph Schembri waqt ix-xhieda tiegħu tad-9 ta' April, 2019 u tal-5 ta' Frar, 2020. Tgħid li fi kwalunkwe każ l-oġġetti li ntremew kienu tassew ftit, fejn l-istess xhud ikkonferma saħansitra li huwa kien ġarr disgħin fil-mija mill-affarijiet tal-appellata. Is-

soċjetà kjamata fil-kawża tirrileva li l-garaxx kien jinsab ma' ġenb stalel taż-żwiemel, u dan kif qal l-imsemmi xhud Joseph Schembri fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Frar, 2020. Tgħid li ma tistax tifhem kif l-appellata ħalliet l-affarijiet allegatament ta' valur f'dan l-ambjent mingħajr ma tittawlilhom. Filwaqt li tiċċita d-disposizzjonijiet tal-artikolu 559 tal-Kap. 12, u dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju, 2017 fl-ismijiet **Strings Enterprises Limited *vs.* Philip Carbonaro et**, rik.nru. 1068/09FS, issostni li l-ewwel Qorti rriteniet diversi drabi li l-appellata ma kinitx ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, din xorta waħda laqgħet it-talbiet tagħha. Dan fejn hija kienet ukoll qalet li *'fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah"*, u *"jkun nuqqas jekk il-Qorti jkollha tikkompensa telf ta' oġġetti meta lanqas l-istess attriċi ma ndenjat ruħha li telenka u tgħid eżatt x'sabet fih"*.

14. L-appellata tilqa' billi tirrileva li l-ewwel Qorti kienet ikkunsidrat l-grad ta' prova li għandu jintlaħaq fi proċeduri ċivili sabiex tirnexxi t-talba tal-appellata, jiġifieri li jnissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant imsejjes fuq bilanċ ta' probabilitajiet. Tgħid li s-soċjetà appellata qiegħda titfa' dubju jekk tassew l-oġġetti tqegħdux fil-garaxx għaliex ma kien sar l-ebda inventarju bejn il-partijiet. Iżda l-appellata tinsisti li ma kien hemm bżonn l-ebda inventarju fejn il-garaxx kien qiegħed jiġi mikri lilha, u hawnhekk tagħmel riferiment għall-fatt li hija kienet tgawdi l-protezzjoni tal-liġi, iżda l-proċedura ta' żgumbrament *ai termini* tal-artikolu 9 tal-Kap. 69 qatt ma ġiet segwita. Tgħid li s-soċjetà kjamata fil-kawża kienet ipproċediet b'mod illegali u unilaterali fir-rigward tal-kirja tagħha. Hija min-naħa tagħha ma kellha l-ebda għażla għajr li tipproduċi elenku ta' dawk l-oġġetti li hija kienet taf li poġġiet fil-garaxx, u dan flimkien mal-valur

tagħhom fis-suq, wara li kienet għamlet riċerka dwar l-istess valur u kkonfermat l-informazzjoni bil-ġurament. Tispjega li l-valur li hija kienet tat lill-Pulizija kien inqas, għaliex f'dak il-ħin li hija kienet marret tagħmel rapport ma kinitx għadha għamlet ir-riċerka dwar il-valur in kwistjoni, u anki kienet tinsab maħsuda bil-fatt li l-oġġetti tneħħew mill-garaxx. L-appellata tirrileva li l-imsemmi valur huwa biss ftit inqas minn dak pretiż. Tinsisti li dan kollu kien jikkostitwixxi l-aħjar prova tagħha, iżda wieħed kellu jqis ukoll in-nuqqas ta' provi min-naħa tas-soċjetà kjamata fil-kawża fejn din kienet daħlet b'mod illegali fil-garaxx permezz tar-rappreżentant tagħha u mingħajr ma nżammet prova tal-inċident, ġie deċiż dak li kellu jinżamm u dak li kellu jintrema. Tispjega li ġaladarba kien hemm proċeduri pendenti quddiem l-ewwel Qorti, u fejn l-oġġetti kienu tpoġġew f'garaxx li l-aċċess tiegħu kien biss f'idejn is-soċjetà kjamata fil-kawża, hija ma setgħetx tmiss dawk l-oġġetti.

15. Il-Qorti tagħraf, u dan kif għamlet l-ewwel Qorti, li l-provi tal-appellata dwar dak li hija kienet ħażnet fil-garaxx, huma tassew insuffiċjenti għall-aħħar. Hija ppreżentat l-*affidavit* tagħha [2], fejn annettiet elenku tal-oġġetti li hija kienet poġġiet fil-garaxx mikri lilha mingħand is-soċjetà kjamata fil-kawża, u fejn iddikjarat ukoll li dawn kellhom valur komplessiv ta' €7,865, filwaqt li ndikat dak li fil-fehma tagħha kien il-valur ta' kull oġġett. Hija reġgħet xehdet waqt l-udjenza tal-14 ta' Frar, 2017[3], fejn spjegat li fil-ġurnata ta' qabel l-imsemmija udjenza hija kienet iltaqgħet ma' Joseph Schembri, direttur tas-soċjetà kjamata fil-kawża, fejn dan ħadha fil-garaxx għal fejn huwa kien ġarr l-oġġetti tagħha li hija kienet poġġiet fil-garaxx ġewwa l-Ħamrun. L-appellata spjegat dak li kienet

[2] Dok. MM1 *a fol.* 19.
[3] *A fol.* 27.

sabet, u qalet li meta ġarret l-oġġetti tagħha f'dan il-garaxx tal-Ħamrun mikri lilha, kien hemm tliet vjaġġi, iżda fil-garaxx fejn issa kienu jinsabu l-imsemmija oġġetti bilkemm kien hemm vjaġġ wieħed. Hija qiegħda tallega li r-responsabbiltà għall-oġġetti nieqsa hija proprju tas-soċjetà kjamata fil-kawża, stante li din iddisponiet minnhom mingħajr il-kunsens tagħha, u mingħajr ma ġiet segwita l-proċedura legali appożita.

16. Il-Qorti ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, li tikkunsidra li hija pjuttost kontradittorja fil-ħsibijiet espressi dwar il-provi prodotti u l-konklużjoni li ntlaħqet. Tikkunsidra li fix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2016[4], Carmelo Schembri direttur tas-soċjetà intimata, u anki tas-soċjetà kjamata fil-kawża, spjega kif darba minnhom xi ħadd kien ċempel lill-iskrivan tagħhom u qallu li l-garaxx tal-Ħamrun mikri lill-appellata kien jinsab miftuħ. Dan ġie kkonfermat minn Joseph Schembri li jaħdem bħala *Manager* mas-soċjetà intimata u dik kjamata fil-kawża waqt ix-xhieda tiegħu tad-9 ta' April, 2019[5] u dik tal-5 ta' Frar, 2020[6], fejn xehed li l-bieb tal-garaxx kien instab illevat, u għalhekk l-oġġetti personali tal-appellata ma setgħux jitħallew hemm sakemm jissewwa l-bieb. Carmelo Schembri qal ukoll li huwa ma kienx jaf x'kien hemm oriġinarjament, iżda li kien għad baqa' fil-garaxx kien qiegħed għandhom. L-istess qal ix-xhud Joseph Schembri waqt ix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Frar, 2020.[7] It-tnejn li huma xehdu li huma kienu ttentaw diversi drabi jagħmlu kuntatt mal-appellata mingħajr suċċess, fejn uħud kienu qalulhom li mietet, u oħrajn li kienet siefret, u dan filwaqt li l-appellata kienet iddekadiet fil-ħlas tal-

[4] *A fol.* 16.
[5] *A fol.* 92.
[6] *A fol.* 114.
[7] *Supra.*

kera għal sentejn kif ammettiet hija stess fl-*affidavit* tagħha.[8] Joseph Schembri fix-xhieda tiegħu qal li ma kienx sar rapport mal-Għassa tal-Pulizija meta nstab il-bieb tal-garaxx miftuħ, għaliex f'dak il-punt huma kienu kkunsidraw il-każ bħala wieħed ta' abbandun, għaliex huma kien għamlu diversi tentattivi matul dawk is-sena u nofs jew sentejn sabiex jagħmlu kuntatt mal-appellata fir-rigward tal-ħlas tal-kera dovuta[9], u Joseph Schembri kien anki poġġa karta fuq il-bieb tal-garaxx bin-numru tiegħu, iżda din baqgħet hemm mingħajr evidenza li nfetaħ il-bieb.[10] Għalkemm skont dak li tgħid l-appellata fl-*affidavit* tagħha[11], Joseph Schembri kien qalilha li kien biegħu wħud mill-affarijiet tagħha, l-istess Joseph Schembri waqt ix-xhieda tiegħu nnega dan[12], iżda kkonferma li kienu ntremew l-affarijiet, li mistoqsi x'kien il-valur tagħhom, huwa ddikjara li kienu *"rubbish".* Ikkonferma li ma kienx hemm wisq x'jintrema, u saħansitra huma ġarrew għall-garaxx fiż-Żejtun disgħin fil-mija tal-oġġetti li sabu fil-garaxx tal-Ħamrun.[13]

17. Fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultax minn dan kollu li s-soċjetà kjamata fil-kawża għandha tinżamm responsabbli għall-oġġetti kollha li l-appellata qiegħda tinsisti li ġew neqsin mill-garaxx li hija kriet mingħandha. Ċertament għandha tinstab responsabbli għal dawk l-oġġetti li qabdet u ddisponiet minnhom mingħajr il-kunsens ta' sidhom, iżda l-Qorti m'għandha l-ebda indikazzjoni mill-provi dawn x'kienu u x'kien il-valur tagħhom, u għalhekk it-talba tal-appellata hawnhekk ukoll ma tistax tintlaqa'.

---

[8] *A fol.* 19.
[9] *A fol.* 120.
[10] *A fol.* 111.
[11] *Supra.*
[12] *A fol.* 95.
[13] *A fol.* 118.

18. Għaldaqstant il-Qorti ssib dan l-aggravju tas-soċjetà kjamata fil-kawża ġustifikat, u sejra tilqgħu. Ġaladarba dan ser iwassal sabiex tħassar is-sentenza appellata, ma jkunx utli li tikkonsidra wkoll l-aħħar aggravju tagħha, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tas-soċjetà kjamata fil-kawża mid-digriet tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Marzu, 2017, iżda tilqa' l-appell tagħha mis-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti lliberat lis-soċjetà intimata mill-osservanza tal-ġudizzju, tħassarha u tirrevokaha fejn din ċaħdet it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tas-soċjetà kjamata fil-kawża, u laqgħet it-talbiet tal-appellata, u minflok tilqa' l-imsemmija eċċezzjonijiet, u tiċħad it-talbiet tal-appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni in kwantu għal tliet kwarti (3/4) għandhom ikunu a karigu tal-appellata, u in kwantu għal kwart (1/4) a karigu tas-soċjetà kjamata fil-kawża.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |